**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 30 ta` Ottubru 2018**

**Kawza Nru. 2**
**Rik. Gur. Nru. 439/2017 JZM**

**Rokku maghruf bhala Ronnie Saliba (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 0345860 [M]) u martu Rosemary Saliba (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru: 0238761 [M])**

***kontra***

**Victoria Portelli (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru: 0172865 [M]) u Dario Portelli (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru: 182294 [M])**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta` Mejju 2017 li jaqra :-

*1. Illi l-esponenti huma propjetarji ta` u jirrisjedu gewwa l-fond bin-numru 29, "Rosaroca", Triq Domenico Cachia, Birkirkara;*

*2. Illi l-konvenuti huma propjetarji ta` u jirrisjedu gewwa l-fond 31, 33, "Alcantara", Triq Domenico Cachia, Birkirkara, liema fond huwa adjacenti ghal dak ta` l-esponenti;*

*3. Illi ricentament il-konvenut Dario Portelli qieghed numru ta` gaggeg fuq il-bejt tar-residenza tal-konvenuti u beda jrabbi numru sostanzjali ta` hamiem anke fil-bitha tal-istess residenza. L-esponenti jifhmu illi dan sar bil-konsapevolezza u bil-kunsens tal-konvenuta l-ohra;*

*4. Illi b`rizultat ta` dan l-esponenti qeghdin isofru inkonvenjent gravi u molestja gravi u intollerabbi fil-godiment tal-propjeta` residenzjali taghhom billi l-imsemmi hamiem jaghmel storbju kontinwu, lejl u nhar, jaghmel riha qawwija ta` hmieg u meta l-konvenuti jew min minnhom itajru l-istess hamiem, huma jhammgu fuq il-bejt u fuq in-naxra ta` l-esponenti;*

*5. Illi minkejja illi l-esponenti ppruvaw jaslu bil-kelma t-tajba mhux talli l-konvenut Dario Portelli ma naqasx jew nehha l-inkonvenjent izda sahansitra zied fin-numru ta` hamiem li huwa jrabbi;*

*6. Illi ghalhekk l-esponenti kellhom jaghmlu din il-kawza;*

*7. Illi dawn il-fatti l-esponenti jafuhom personalment;*

*Ghaldaqstant, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m`ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa` t-talbiet ta` l-esponenti illi qeghdin hawn jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-agir tal-konvenuti jew min minnhom, b`mod partikolari biz-zamma u t-trobbija tal-hamiem imsemmi, il-konvenuti jew min minnhom qeghdin jimmolestaw lill-esponenti fid-dritt tat-tgawdija tal-propjeta` taghhom u illi l-esponenti qeghdin isofru inkonvenjent gravi u molestja gravi u intollerabbli fil-godiment tal-propjeta` taghhom;*

*2. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss ghal dan l-iskop minn dina l-Onorabbli Qorti jehlisu lill-esponenti mill-imsemmija molestja billi jnehhu permanentament, jekk ikun hemm bzonn taht is-sorveljanza ta` perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, il-hamiem imsemmi;*

*3. F`kaz illi l-konvenuti, jew min minnhom, jonqsu milli jezegwixxu x-xogholijiet lilhom ordnati b`mod partikolari billi jnehhu permanentament il-hamiem kif mitlub fit-tieni talba fiz-zmien moghti lilhom, tawtorizza lill-esponenti jaghmlu dan kollu huma stess, jekk ikun hemm bzonn taht is-sorveljanza ta` perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, kollox a spejjez tal-konvenuti, u skond kull direzzjoni jew ordni illi dina l-Onorabbli Qorti jidhirilha illi jkun necessarju jew opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta gurmentata prezentata fl-10 ta` Lulju 2017 li taqra hekk :-

*L-intimati jeccepixxu bir-rispett u l-intimata Victoria Portelli detentrici tal-karta tal-identità numru 0172865(M) bil-gurament taghha tikkonferma :*

***Eccezzjonijiet:***

*1. ILLI fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom jispecifikaw a bazi ta` liema artikolu jew artikoli tal-ligi huma qeghdin jittantaw l-azzjoni taghhom.*

*2. ILLI minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif se jigi provat waqt dawn il-proceduri u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*3. ILLI minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhuwiex minnu illi l-eccipjenti qeghdin jikkrejaw molestija jew inkonvenjent gravi fil-godiment tal-proprjetà tar-rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

***Il-Fatti***

*1. Illi jigi kjarifikat illi l-esponenti ghandhom biss zewg gageg imdaqqsa fuq il-bejt tar-residenza proprjetà taghhom u mhux kif inghad fir-rikors tar-rikorrenti li qed jaghtu l-impressjoni li l-esponenti ghandhom `numru sostanzjali ta` hamiem`.*

*2. Illi l-esponenti Dario Portelli beda jrabbi l-hamiem wara li r-rikorrenti Rokku Saliba stess kien irabbi l-hamiem ukoll u fil-fatt kien l-istess rikorrenti illi hajjar lill-esponenti jibda jaghmel dan filwaqt li kien anke tah numru ta` hamiem.*

*3. Illi rigward il-kwistjoni mertu ta` dina l-kawza, prezentament ghaddejjin proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Onor. Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit li anke accessat il-bejt proprjetà tal-esponenti u dak proprjetà tar-rikorrenti u tat struzzjonijiet sabiex l-esponenti jghollu l-opramorta u jmexxu l-gagga mac-cint l-aktar imbieghed mill-proprjetà tar-rikorrenti (vide kopja tal-verbal datat datat l-erbatax (14) ta` Lulju, 2016 annessa u mmarkata **DOK A**) liema struzzjonijiet gew rispettati fl-intier taghhom u b`mod immedjat mill-esponenti.*

*4. Illi hekk kif jixhdu r-ritratti annessi mal-prezenti (**DOK B** u **DOK C**), l-gagga tal-esponenti qieghda `l boghod mill-proprjetà tar-rikorrenti hekk kif gie ordnat mill-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta). Inoltre, l-opramorta hija gholja bizzejjed u sal-massimu permess mil-ligi, sabiex ir-rikorrenti la jaraw u lanqas jisimghu il-hamiem tal-esponenti.*

*5. Illi apparti milli obdew l-ordnijiet moghtija mill-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta), l-esponenti sa anke naqqsu n-numru ta` hamiem li huma kellhom filwaqt illi cekknu l-gagga in kwistjoni u dan sabiex jassiguraw illi ma jikkawzaw l-ebda inkonvenjent lill-girien.*

*6. Illi l-hamiem li jinsab fil-bitha tal-esponenti, jinsab f`gagga zghira u qatt ma jittajjar. Hawn jinghad illi tali bitha tinsab zewg sulari `l isfel mill-bejt u allura biex ir-rikorrenti qed jarawha bilfors li qed jittawlu*

*ghal gol-proprjetà tal-esponenti, u zgur mhux ghax b`xi mod huma milquta minn xi inkonvenjent rizultat minn tali gagga.*

*7. Illi l-esponenti ilu xhur ma jtajjar il-hamiem u dan biex jevita kwistjonijiet mar-rikorrenti li huma l-unika girien li qatt ilmentaw mal-esponenti tul is-snin kemm ilhom irabbu l-hamiem. Ghalhekk huwa inkoncepibbli illi l-hamiem ihammeg fuq il-bejt jew fuq in-naxra tar-rikorrenti;*

*8. Illi assolutament mhuwiex minnu li r-rikorrenti provaw jaslu bil-kelma t-tajba mal-esponenti, fil-fatt l-istess rikorrenti bidlu l-avukat li kien jippatrocinahom precedentament, proprju minhabba l-fatt li huwa kien qed jaghmel hiltu sabiex il-kwistjoni kollha tigi risolta amikevolment. Inoltre r-rikorrenti anke rrifjutaw li l-perit ta` fiducja taghhom jiltaqa` mal-perit tal-esponenti rigwardanti l-opramorta li tifred il-bjut tal-partijiet.*

*9. Illi l-esponenti huma vittmi ta` theddid u intimidazzjoni kontinwa min-naha tar-rikorrenti Rokku Saliba illi dejjem jara kif jintimida lill-esponenti (vide ritratti mal-prezenti anness u mmarkat **DOK E – DOK H** li juru l-van tar-rikorrenti ipparkjat imiss mal-vettura tal-esponenti) u fil-fatt din il-kawza r-rikorrenti fetahha ghax akkosta kollox irid li l-esponenti jkollhom inehhu l-hamiem.*

*10. Illi jingieb ukoll ghall-attenzjoni ta` din l-Onor. Qorti l-fatt illi huma r-rikorrenti li jhallu l-hmieg tal-klieb fuq il-bejt proprjeta` taghhom (u dan hekk kif jixhed ir-ritratt anness u mmarkat **DOK D**) liema hmieg jaghmel irwejjah qawwija u jdejjaq lill-esponenti izda l-esponenti dejjem provaw izommu l-kwiet.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat il-verbal tal-access li ghamlet fis-16 ta` Novembru 2017 fil-postijiet tal-partijiet mertu ta` din il-kawza. Kienet assistita mill-Perit Valerio Schembri li kien mahtur ghal dan l-iskop. Perit Schembri kien inkarikat sabiex ihejji verbal bl-osservazzjonijiet tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fil-15 ta` Jannar 2018 fejn inkarikat lill-Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex jipprezenta relazzjoni abbazi ta` dak li kkostata waqt l-access kif ukoll l-atti tal-kawza.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku u semghet l-eskussjoni tieghu fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2018.

Rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-konvenuti.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**L-attur** xehed illi huwa jirrisjedi 29, Triq Domenico Cachia, Birkirkara. Kien ilu hemm 33 sena. Taht id-dar mal-livell tat-triq ghandu hanut tax-xoghol mnejn jopera bhala tappezzar. Kien ilu jahdem hemm ghal 35 sena. Il-konvenuti bdew joqghodu fid-dar taghhom ma` genb tieghu madwar 30 sena ilu. Iz-zewg familji kienu hbieb.

Qal illi l-konvenut Dario Portelli sar dilettant tal-hamiem. Ghall-ewwel, kellu ftit hamiem fil-garage ta` mad-dar tal-konvenuta ommu, izda wara xi zmien, dawn bdew gejjin rwejjah tant li bdew imorru jgergru n-nies fil-hanut tieghu. Huwa kellem lill-konvenut bil-kwiet biex jirrimedja meta hu u l-familja tieghu jkunu villeggjatura. Meta marru lura mill-villeggjatura, sab li Portelli kellu d-doppju tal-hamiem u zied gallinar ghalihom. Kellu wkoll xi sriedaq. Sahaq li kien jilmenta mieghu ta` spiss.

Kompla jixhed illi in segwitu, Portelli tella` l-gallinar fuq il-bejt tad-dar ta` ommu. Huwa talbu sabiex ma jqieghedx il-gallinar qrib il-bejt tieghu. Qallu biex jaghmlu fil-*washroom*. Portelli ma riedx ghaliex taht il-*washroom* kien hemm kamra tas-sodda. Minn dakinhar beda l-inkwiet.

Fisser illi jekk bil-lejl ikun dawl ta` qamar, il-hamiem ma jorqdux. Huwa ghamel recording ta` l-hsejjes minn gol-kamra tas-sodda taghhom waqt li martu kienet rieqda.

Spjega li l-intejjen waqt li Portelli jkun qed inaddfilhom ikunu insopportabbli.

Ipprezenta ritratti u video li juri l-gallinari bil-hamiem fihom.

Xehed illi huwa personalment kellu tuzzana hamiem. Zammhom ghal sena. Imbaghad nehha kollox. Dan kien fl-2013.

Stqarr illi kien hemm hasira fuq l-opramorta bejn il-bjut taghhom.

Qal li huma ghamlu l-plastik fuq il-bejt biex il-hamiem ma jibqax imur fuq il-bejt taghhom u jhammeg. Ghamel bicca *wire* u plastic sewda mill-hajt `il gewwa. Ghamel hekk biex il-hamiem jibza` u ma jmurx ihammeg fuq in-naha taghhom.

Stqarr illi wara li saru rapport, il-pulizija hadu passi u l-Magistrat marret fuq il-post. Intant il-konvenut beda jirranga u johrog l-affarijiet mill-garaxx izda l-gallinar hallih hemm. Meta marret il-Magistrat,, rat li l-kamra kollha tal-hamiem kienet maghluqa bil-plastic. Il-Magistrat qaltlu li jrid japplika biex igholli l-hajt ta` bejniethom halli l-gallinar jigi n-naha l-ohra. Il-Magistrat ordnat li l-gallinar jinghalaq biex ma jdejjaq lil hadd. L-opramorta telghet tlieta jew erba` filati. Sostna li ghalkemm telghet l-opramorta, il-hsejjes xorta baqghu hemm.

Kompla stqarr illi wara li saret il-kawza tal-lum, il-konvenut nizzel il-hamiem isfel fil-garaxx. Pero` l-hsejjes u l-irwejjah baqghu hemm. Sostna li bil-lejl ma jistghux jorqdu. L-inkonvenjent ikun matul is-sena kollha. Jekk il-hamiem jisma` hoss, jibda jbarqam u ma jieqafx. Meta hu kellu l-hamiem, kien poggihom 50 pied `il barra mill-bini sabiex ma jdejjaq lil hadd.

Fil-**kontroezami** xehed illi huwa ghandu kelb wiehed. Cahad li l-kelb ihammeg fuq il-bejt.

Ikkonferma li l-Magistrat kienet ordnat li jsir tibdil min-naha tal-konvenuti izda dan it-tibdil ma sarx kif kien ordnat.

Ikkonferma li fl-istess triq hemm iktar nies li ghandhom il-hamiem.

**L-attrici** kkonfermat id-deposizzjoni tal-attur zewgha.

**Il-konvenuta** xehdet illi hi u binha l-konvenut l-iehor joqghodu bieb ma` bieb mal-atturi.

Xehdet illi binha beda bi ftit hamiem u beda jzid tant li llum jikkompeti billi jtajjar il-hamiem. Jiehu l-hamiem barra minn Malta anke ghat-tigrijiet.

Spjegat li wara li marret il-Magistrat fuq il-post, u minn mindu l-attur ghamel il-*wires,* binha ma ghadux ihalli l-hamiem johrog ghax jibza` li jahbat mal-*wires* u jmut.

Stqarret illi l-hamiem jiehu rotta, fis-sens li johrog mill-gallinar, jiehu rotta u jdur.

Qalet illi binha jnaddaf il-hamiem b`mod regolari.

Fissret illi fejn kien il-gallinar originarjament kien ezatt fuq il-kamra tas-sodda ta` bintha.

Wara li marret il-Magistrat fuq il-post ordnat illi jittella` l-hajt u l-gallinar jiccaqlaq ghan-naha l-ohra. Fil-fatt il-gallinar sar u qieghed mal-appogg l-iehor tad-dar l-ohra. Qieghed distanza mill-proprjeta` ta` l-atturi daqs il-wisgha tal-bejt. Binha cekken il-gallinar fis-sens illi qabel kien jidhol go fih waqt li llum m`ghadux jista` jidhol u qed izomm inqas hamiem. Qalet li ghandu gallinar iehor li baqa` fejn kien u iehor fil-garaxx/bitha. Fil-gallinar tal-bitha, izomm il-hamiem missier u ommli minnhom ikollu l-bciecen.

Fil-**kontroezami** xehdet illi binha ghandu madwar 60 hamiema.

Stqarret illi qatt ma tisma` storbju mill-hamiem ; u dejjem raqdet. Il-hamiem ma jaghmilx hsejjes li ma jippermettix li torqod.

Qalet illi jekk il-hamiem tixghellu d-dawl fin-nofs tal-lejl se jaghmel l-istorbu izda jekk thallih kwiet, il-hamiem jorqod.

**Il-konvenut** xehed illi huwa huwa ghandu 2 gallinari fuq il-bejt. Ghandu iehor isfel fil-bitha fejn izomm l-*stock birds*. Fil-gallinar ta` isfel ghandu 20 hamiema. Fil-gallinari ta` fuq hemm bejn 20 u 25 hamiema go kull gallinar. Dawk huma hamiem tat-tigrijiet.

Stqarr illi huwa jnaddaf il-hamiem b` mod regolari. Jixtri prodotti apposta biex jassigura s-sanita` tal-gallinar. Jaf illi jekk ikollu l-mard ma jkunx jista` jirbah bil-hamiem.

Cahad li l-hamiem jaghmlu storbju li ma jhallux l-irqad. Bhala prekawzjoni, bil-lejl idawwar il-gallinari bi plastic apposta biex id-dawl ma jidholx.

Ikkonferma li kienu marru ghandhom ufficjali mid-Dipartiment tas-Sahha biex jispezzjonaw il-post taghhom. Ma sabu xejn hazin. Dan kien fl-2016.

Fil-**kontroezami** stqarr illi kien hemm zmien fejn kellu ghasafar ohra.

Spjega li huwa ma jistax ihallat il-hamiem li qeghdin fuq il-bejt ma` dawk li jinsab fil-bitha isfel.

Fisser illi meta caqlaq il-gagga u cekkinha, kellu jnaqqas xi hamiem. Dak iz-zmien kien ghaddej bit-tigrijiet u ghalhekk jonqsu ghaliex waqt it-tigrijiet jintilef xi hamiem.

Qal li huwa qatt ma ried inkwiet mal-attur. Ghamel l-almu tieghu biex jipprova jikkuntenta lill-atturi.

## III. L-access

Il-Qorti ghamlet dan il-verbal :-

*L-ewwel ma marret il-qorti kien fil-fond tal-konvenuti.*

*Fil-bitha, li tinsab fuq wara tal-fond, rat il-guvi tal-hamiem fejn isir il-"mating" tal-hamiem. Fl-istess livell tad-dar, rat illi qed jinzammu kelb, zewgt iqtates u tliet ghasafar.*

*Telghet fuq il-bejt.*

*Kienu ndikati lill-qorti l-bejt tal-atturi u l-hajt li jifred iz-zewg bjut.*

*Fuq il-bejt tal-konvenuti, rat il-guvi li jinsabu n-naha l-ohra tal-hajt divizorju mal-atturi. Go dawn il-guvi hemm ghadd ta` "homer pigeons".*

*Fuq in-naha tal-bejt tal-atturi, rat wires orizzontali b`bicciet tal-plastic iswed maghhom.*

*Il-qorti marret imbaghad fil-fond tal-atturi.*

*Ikkostatat id-diversi ambjenti, partikolarment dawk (il-kmamar tas-sodda) fejn qed isir ilment minn hsejjes tal-hamiem tal-konvenuti.*

*Fuq il-bejt, il-qorti kienet murija saqaf li skont l-atturi qed jithammeg mill-hamiem tal-kontroparti bil-konsegwenza li qed ihammeg l-ilma li qed jingabar go diversi tankijiet li l-atturi juzaw skopijiet ta` igjene fid-dar.*

*Marret ukoll fil-garage sottostanti l-fond tal-atturi mnejn l-attur jiggestixxi negozju ta` tappezzerija.*

*Il-qorti tat struzzjonijiet lill-perit tekniku sabiex jiehu ritratti u jhejji verbal min-naha tieghu fejn jindika l-fatti kollha rilevanti ghall-mertu ta` din il-kawza.*

**Dan il-verbal kien inserit fl-atti.**

**Ma jirrizultax li xi parti ghamlet riserva ta` xi natura dwar il-kontenut.**

## IV. <u>Ir-relazzjoni tal-perit tekniku</u>

**Dwar l-allegat hmieg tal-hamiem, il-perit tekniku jaghmel dawn l-osservazzjonijiet :-**

> *01 L-attur fid-depozizzjoni tieghu a fol 32 tal-process jispjega li ghamel il-plastic fuq il-bejt biex il-hamiem tal-konvenut ma jibqax jigi fuq l-istess bejt u jhammeg. Izid ukoll illi ghamel bicca wire u plastic iswed ghaliex il-hamiem jibza` mill-plastic iswed.*
>
> *02 Il-wire u l-plastic iswed in kwistjoni gew murija lill-Onorabbli Qorti in situ hekk kif jirrizulta mill-verbal ta` l-access u mir-ritratt anness DOK BKR 15.*
>
> *03 Jirrizulta car u manifest fi minn kliem l-attur stess illi tali mizura hadha sabiex itellef lill-hamiem tal-konvenut fir-rotta tieghu jekk ikun ghaddej minn fuq il-bejt tal-fond ta` l-atturi.*
>
> *04 Il-konvenuta Victoria Portelli fid-depozizzjoni taghha a fol 52 tal-process tikkonferma li mindu l-konvenut ghamel il-wires in kwistjoni binha l-konvenut l-iehor ma baqax ihalli l-hamiem tieghu johrog peress li l-hamiem beda jahbat ma` l-istess fili.*
>
> *05 Dok POR 6 sottomess b` nota tal-konvenut a fol 72 tal-process juri hamiema li allegatament wegghet meta habtet ma` l-istess fili.*
>
> *06 Huwa fatt ben saput illi meta l-hamiem johrog mill-gallinar jew loft tieghu huwa jiehu r-rotta ta` faccata tal-bieba li tkun infethet, ergo*

*ghall-grazzja ta` l-argument il-konvenut Dario Portelli jista` b` xi mod jikkontrolla r-rotta jew tal-hrug ta` l-istess amiem, f` da nil-kaz biex se mai jevita l-wires li ghamel il-konvenut. Anke fin-nuqqas tal-prezenza ta` tali wires tali via fir-rotta tal-hrug tista` tigi se mai ikkontrollata biex ma taghtix fastidju lill-atturi.*

*07 Mhux l-istess jista` jinghad ghal meta l-hamiem jigi biex jidhol lura fil-gallinar jew loft. Il-hamiem fl-inzul tieghu dejjem jaghzel id-direzzjoni ta` kontra r-rih u ghaldaqstant sidu ma jista` qatt ikolli kontrol tar-rotta meeta jigi biex jirritorna. B` hekk jidher jekk se mai il-verzjoni ta` Victoria Portelli hija minnha l-konvenut Dario Portelli ddecieda li ma jhallix il-hamiem johrog izjed. <u>Ma jaghmilx sens ghall-konvenut li jitlef il-hamiem anke fit-training fuq il-bejt ghalkemm minn naha l-ohra l-hamiem ghandu bzonn ta` minimu ta` siegha titjir kuljum</u>. Fic-cirkostanzi madanakollu l-esponent jasal biex jemmen il-verzjoni illi l-hamiem fil-prezent jew se mai kemm ilhom hemm il-wires u l-plastic l-iswed mhux jinhareg ghat-training.*

*08 Dwar l-allegazzjoni tal-atturi li l-hamiem tal-konvenut Dario Portelli kien qed ihammeg il-bejt u s-saqaf u anke jikkontamina l-ilma, l-esponent salv il-verzjoni verbali tal-atturi ma sabx in atti. Ta` min jirrimarka wkoll li waqt l-access gie stabbilit li hemm gallinari/lofts ohrajn fl-akwati. Waqt l-access gew osservati wkoll qtajja ohra ta` hamiem jittajjar fuq il-bjut ta` l-akkwati. **<u>Jsegwi fl-umli opinjoni ta` l-esponent illi s-sottofirmat b` certezza jista` jikkonkludi illi llum aktarx ma ghadux jissustixxi dan l-inkonvenjent fuq il-bejt tal-atturi, se mai ghal dak li kien gej (jekk kien gej) mill-hamiem tal-konvenut Dario Portelli. X` kien jigri qabel ma` l-attur ghamel il-wire u l-plastic u l-esponent ma jistax jasal ghalih b` certezza teknika se mai mill-livell ta` provi li ghandu quddiemu."</u>***

**Dwar l-allegati hsejjes, il-perit tekniku jghid hekk :-**

*09 L-atturi jallegaw illi l-hamiem tal-konvenut Dario Portelli qed joholqilhom inkonvenjent a kawza tal-hsejjes li jtellfu l-mistrieh taghhom anke bil-lejl.*

*10 Minn barra li jixhdu f` dan ir-rigward l-atturi jezebixxu wkoll cd sabiex jispjegaw il-lanjanza taghhom. L-esponent ezamina il-kontenut ta` dan ic-cd u jirrimarka kif ser jigi spjegat fil-paragrafi l jsegwu.*

*11 Illi meta wiehed jezamina l-video recordings jirrizultalu li dawn huma maqsumin fi tnejn u coe` uhud meta l-attrezzatura jew loft li llum ghandu l-konvenut Dario Portelli fuq il-bejt kienet biswit ic-cint divizorju mal-atturi qabel gie inalzat l-istess cint u ohrajn meta tnehhiet. F` dawn il-video clips mehudin minn fuq il-bejt, specjalment dawk ta` filghodu jinstema` t-tbarqim tal-hamiem pero fl-umli opinjoni ta` l-esponent huwa iktar prominenti l-hoss tat-traffiku li qed jikkontamina l-ambjent noise tal-akkwati. Il-vicinanza ta` Triq Domenico Cachia ghal Triq Dun Karm (jew ahjar il-bypass ta` Birkirkara) hija aktarx il-kawza ta` din il-kontaminazzjoni.*

*12 Galadarba nnalzat ic-cint divizorju li jifred il-bjut tal-partijiet u allura l-gallinar tal-konvenut Dario Portelli gie spostat fuq in-naha l-ohra tal-bejt u dan hekk kif ikkonstatat in situ waqt l-access li nzamm mill-Onorabbli Qorti (ara Dok BKR 16), it-tbaqrim li jirrizulta minn video clips mehudin fuq il-bejt bin-nhar huwa ferm u ferm inqas ippronunzjat u l-hoss tat-traffiku jissupera bil-wisq l-allegat inkonvenjent.*

*13 Nigu issa ghall-video clips mehudin minn fuq il-bejt tal-konvenuti bil-lejl u hawn hemm bzonn issir parentesi zghira ghal dak li jirrigwarda kif normalment igib ruhu l-hamiem matul il-lejl. Huwa ovvju li bil-lejl il-hamiem jorqod u meta jorqod il-hamiem ma jbarqamx, pero huwa fatt maghruf li jekk il-hamiem jara d-dawl iqum u jibda t-tbarqim.*

*14 Mis-cd esebita jirrizultaw istanzi fejn meta l-video clips ittiehdu bil-lejl (allegatament minn fuq il-bejt ta` l-atturi) jinstema` hamiem ibarqam irqiq.*

*Biex dan il-hamiem kien qed ibarqam bilfors kien qed jara d-dawl. L-esponent umilment jirrimarka illi f` video minnhom jidhru fil-faccata kmamar tal-ghasafar mixghulin u jinstema car l-ghana tal-kanarini. Jsegwi li tali video ittiehed fi zmien meta jkun beda l-breeding tal-kanarini pero l-gurnata jkun ghadha ma bdietx turi. F` tali cirkostanzi stagjonali jekk il-gallinar ma jkunx iddisinjat tajjeb il-hamiem ser jara d-dawl u jhoss l-ghana ta` ghasafar ohra u bil-fors ibarqam. Dwar jekk wiehed jistax iressaq bhala lanjanza t-tbarqim tal-hamiem u mhux l-ghana tal-kanarini li jirrizulta manifestament car mill-istess video clip hija materja legali li ma taqax fil-kompetenza teknika ta` l-esponent.*

*15 Fis-cd hemm ukoll video clips mehudin minn gewwa bil-lejl u l-esponenti jirrizulatlu spejcalment meta aktarx il-video clip qed jigi rrekordjat mill-kuritur tal-konvenuti illi tbarqim irqiq jinstema`.*

*16 Pero bir-rispett l-esponent ma jistax jifhem kif wiehed jista` jipprezenta video clip bhal dan bhala prova ta` nkonvenjent serju meta fl-istess video clip tidher persuna rieqda aktarx fil-fond. Ma jsegwix fl-umli opinjoni tal-esponent illi jekk l-inkonvenjent kien tant gravi, fl-istess cirkostanzi jkollok persuna rieqda hekk kif jirrizulta mill-istess video.*

*17 In oltre hekk kif gustament irrimarkat l-Onorabbli Qorti waqt l-access li nzamm fuq il-post, fil-kmamar tas-sodda in kwistjoni hemm l-air conditioning units li normalment il-hoss taghhom ilahhaq qrib il-40dBA fuq gewwa. Tali livell ta` hoss zgur jissupera t-tbarqim irqiq li jinstema` fil-video clip in kwistjoni.*

*18 L-esponenti jaghlaq din il-parti tar-relazzjoni tieghu billi jghid illi ghalkemm hekk kif ser jigi rrilevat fir-rakkomandazzjonijiet ta` l-esponent fil-paragrafi li jsegwu, l-konvenut Dario Portelli ghandu hafna x` jirranga ghal dak li jirrigwarda l-gallinar tieghu sabiex jevita li l-hamiem jara d-dawl bil-lejl,* ***l-atturi bil-provi li hemm in atti ma jikkonvincux lill-esponenti li hemm aggravju serju naxxenti mit-tbarqim tal-hamiem tal-konvenut li jista` jigi kkunsidrat***

***li teknikament qed johloq inkonvenjent konsiderevoli.*** *Se mai f` uhud mill-video clips in atti anke sriedaq jiddnu jinstemghu, hoss li jippronunzja ruhu sew u jiehu prominenza cara li tissupera kull tbarqim. Hija l-umli opinjoni ta` l-esponent illi wiehed ma jistax jilmenta mit-tbarqim meta mbaghad jipprezenta prova bi hsejjes ta` sriedaq u ghasafar ohrajn u ma jghidx li dawn jiffurmaw parti mill-inkonvenjent."*

**Dwar l-allegati rwejjah, il-perit tekniku jghid hekk :-**

*19 L-atturi jallegaw illi l-hamiem tal-konvenut qed jikkawzalhom inkonvenjent a kawza ta` rwejjah tal-hmieg ta` l-istess hamiem.*

*20 Huwa fatt ben saput illi l-hmieg tal-hamiem jhalli hafna rwejjah u tali hmieg jekk ma jkunx serjament ikkontrollat jista` wkoll jikkaguna mard u nfezzjonijiet anke fil-bniedem.*

*21 Minn naha l-ohra kull breeder jew dilettant tal-hamiem ma jista` qatt ihalli l-hamiem tieghu traskurat ghal dak li jirrigwarda hmieg, ghaliex il-hmieg igib il-mard anke fil-hamiem tieghu stess. Jekk il-hamiem ma jkunx "in top condition" ergo ma jkollu l-ebda forma ta` mard anke zghir kemm hu zghir, dan ma jkunx tajjeb biex jinstaq fit-tigriejiet u lanqas se mai ma jkun tajjeb ghall-"breeding".*

*22 Isegwi ghaldaqstant illi huwa fl-interess tal-konvenut Dario Portelli li jzomm il-hamiem tieghu f` kundizzjonijiet perfetti ghal dak li jirrigwarda ndafa jekk se mai rrid jara rizultati tajbin fis-sahha tal-ghasafar tieghu. Bir-rispett pero l-esponent u dan ser jagmel accenn ghalih fir-rakkomandazzjonijiet tieghu fil-paragrafi li jsegwu l-esponent ihoss illi l-istess konvenut Portelli jonqsu hafna x` jaghmel sabiex ikollu sistema fejn il-hamiem tieghu jkun kontinwament fin-nadif kemm jista` jkun.*

*23 Jigi ghal kull bwon fini rrimarkat illi waqt l-access l-esponent osserva li l-hamiem kellu l-friex u l-gradilji ta` tahtu ndaf. Wiehed hawn jista` jargumenta illi galadarba l-konvenut kien jaf bl-*

*access huwa ha hsieb inaddaf kif suppost. L-esponent b` dan mhux jissuspetta li l-konvenut Portelli ma jnaddafx ghaliex kif spjegat fis-suespost mhuc fl-interess tad-dilettant tal-hamiem li ma jzommx l-indafa. Pero` bir-rispett id-disinn tal-gageg u l-gallinari tal-konvenut huwa ferm `il boghod mid-disinji li qed jigu adottati llum u li jiggarantixxu li l-hamiem ikun fil-maggor parti tal-hin fin-nadif. Is-sistemi ta` llum jirrendu anke l-process tat-tindif bhala wiehed facli, haga li ma tirrizultax mid-disinn tal-gallinari tal-konvenut specjalment dak ta` fuq il-bejt.*

*24 L-Onorabbli Qorti waqt l-access li nzamm in situ gustament irrimarkat li fil-fond tal-atturi kienet tinxtamm ir-riha. Tali rimarka l-Onorabbli Qorti ma ghamlithiex fil-fond tal-konvenuti u fil-veru fatt rieha tal-hmieg tal-hamiem ma kienx hemm lanqas qrib il-gallinari stess. Jekk se mai l-irwejjah kienu gejjin mill-hamiem tal-konvenut l-ewwel li jinxtammu huwa minn biswit il-gallinari stess, haga li ma rrizultatx waqt l-access.*

*25 Waqt l-istess access l-Onorabbli Qorti ordnat li l-partijiet, lid-difensuri u l-Perit Tekniku jsegwuHa tinzel it-tarag li jaghti ghall-workshop ta` l-attur minn fejn jiggestixxi sangha ta` tapezzar. Hija l-umli opinjoni ta` l-esponent illi s-sengha in kwistjoni tirredi ghal certu rwejjah li min ma jkunx imdorri fihom jigbdulu l-attenzjonin mill-ewwel.*

*26* ***<u>Hija l-umli opinjoni ta` l-esponent illi mill-konstatazzjonijiet li saru waqt l-access u mill-atti, l-Perit Tekniku ma jistax jistabilixxi li kien jirrizulta xi nkonvenjent a kawza ta` rwejjah.</u> Madanakollu l-esponent ihoss li l-konvenut ghandu hafna x` jaghmel sabiex jirranga s-sitwazzjoni ta` kif izomm il-hamiem tieghu b` tali mod li t-tindif tal-gallinari ikun izjed efficjenti u b` hekk jitnaqqas ir-riskju ta` rwejjah u mard.***

**Il-perit tekniku jirrakkomanda dan il-gej :-**

*27 Sabiex* ***<u>tigi evitata kull possibilita li l-hamiem jara d-dawl bil-lejl jew fil-hinijiet</u>***

***tad-dlam*** *illum jezistu sistemi ta` "louvering" li minnhom tghaddi l-arja u c-cirkolazzjoni li hemm bzonn pero` l-hamiem qatt ma jara dawl bil-lejl u* ***b` hekk ma jbarqamx.*** *Bir-rispett dak li ra l-esponent in situ u li jirrizulta anke mir-ritratti annessi huwa ferm il-boghod minn dak li wiehed jistenna fis-sistema moderna tat-trobbija u akkomodazzjoni tar-"racing pigeons".*

*28* ***Dwar l-indafa tal-loft jinghad illi din irid ikollha gholi ta` mill-inqas 1.80m sabiex id-dilettant ikun jista` jidhol go fiha u jnaddaf.*** *Bir-rispett il-qisien ta` l-attrezzaturi li gew ikkonstatati waqt l-access huma ferm il-boghod minn dan l-idejal.*

*29 Illum jezistu wkoll sistemi ta` artijiet tal-loft fil-forma ta` grilji anke ta` l-injam li bihom il-hmieg jaqa` f` kompartament sottostanti ghall-art tal-attrezzatura u l-hmieg jitnehha b` facilita. Dawn huma teknikament maghrufa bhala "raised floor systems". In oltre jkun difficli biex il-hamiem jigi in kuntatt mal-hmieg u b` hekk jigi evitat il-mard kemm fil-hamiem stess u anke se mai fil-bniedem li jigi in kuntatt mieghu.* ***Jekk il-konvenut Dario Portelli jiddeciedi li ser jiehu d-delizzju tieghu bis-serjeta li tixraw, ghandu jara kif jaghmel u jinvesti f` sistemi simili sabiex jissalvagwardja s-sahha tal-hamiem tieghu u jnaqqas kemm jista` jkun l-irwejjah li jistghu jikkagunaw inkonvenjent anke lill-girien.***

*30* ***Jekk il-konvenut jiddeciedi li ma juzax "raised floor systems" ghandu jara li jkun hemm bizzejjed "pigeon litter" fl-art tal-lofts*** *u kif diga` jinghad fis-suespost jkollu gholi bizzejjed sabiex jidhol fil-lofts u jnaddaf minghajr diffikulta.*

*31 Huwa importanti wkoll illi l-hamiem ma jinzammx f` density ta` izjed minn sitt hamimiet ghal kull metru kwadru ta` "pigeon loft" bl-gholi propizju sabiex ikun hemm anke passiggieri tal-qies.* ***Dak li gie kkonstatat in situ specjalment fil-guva li kien hemm fil-bitha tal-fond tal-konvenuti ma jirrispettax dan id-density requirement.*** *Density zejda u nuqqas ta`*

*kondizzjonijiet adegwati jirrendu ambjent mahmug u jkabbru r-riskju ta` mard fil-hamiem li finalment jista` jigi trasmess anke lill-bniedem.*

*32 Il-konvenut Dario Portelli in situ fl-ebda hin ma gieb a konjizzjoni ta` l-Onorabbli Qorti "daily log" tal-hin li fih il-hamiem kien qed jithalla jtir fil-liberta` fil-minimu ta` siegha kull jum. Huwa minnhuh li l-konvenut Portelli jghid li dan l-ahhar mhux itajjar il-hamiem tieghu minhabba l-wire li ghamillu l-attur pero hi x` inhi s-sitwazzjoni llum, se mai elenku precedenti ghal meta sar il-wire suppost kien jezisti.* ***Mhux idonju lanqas illi l-hamiem tat-tigrija jithalla msakkar ghal zmien twil minghajr ma jittajjar hekk kif jidher illi qed jigri fil-prezent u dan fis-sitwazzjoni li jinsab fiha l-hamiem tal-konvenut. Hija haga certa li dan in-nuqqas ta` ezercizzju johloq stress fl-ghasfuq bil-konsegwenza tal-mard assocjat mieghu.***

*33 Bir-rispett ukoll wiehed kien jistenna li l-ewwel haga li jaghmel dilettant tal-hamiem serju meta taccedi wahda mill-ghola istittuzjonijiet tal-pajjiz bhal ma hija l-Onorabbli Qorti huwa li juri l-"vaccination record book" haga li l-konvenut Dario Portelli naqas milli jaghmel.* ***Sabiex jissalvagwardja s-sahha tal-hamiem tieghu u anke se mai tal-ambjent ta` madwaru (inkluz il-girien), il-konvenut ghandu jkollu prova minn veterinarju jew tekniku fil-materja li l-hamiem tieghu kull sena jiehu l-vaccin tas-Salmonella u l-Paramyxovirus.*** *L-esponent b` dan mhux jallega li l-konvenut naqas jew qed jonqos li jiehu tali mizuri ta` vaccinar pero kienu juri iktar serjeta kieku indika prova taghhom lill-Onorabbli Qorti.*

## V. L-eskussjoni tal-perit tekniku

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuti rrimettew ruhhom ghar-relazzjoni tal-perit tekniku waqt li l-atturi talbu (**u kisbu**) li jeskutu lill-perit tekniku.

Fil-kors tal-eskussjoni, il-perit tekniku kien mistoqsi jekk wasalx biex jikkonkludi li minhabba l-plastik (iswed) li l-attur ghamel mal-habel ta` l-inxir, il-hamiem ma kienx jghaddi minn fuq il-bejt tal-atturi, wiegeb illi l-hamiem johrog fejn ikollu l-bokka u jinzel kontra r-rih. Jekk ir-rih ikun gej minn hemm, bil-kontra t`hemmhekk ma jistax jinzel. Dan ifisser illi mhux se jghaddi minn hemm. Sostna li kemm ilu hemm il-wire, il-hamiem ma ghadux jithalla johrog ghax facilment jahbat mal-wire.

Ikkonferma li bil-plastic li ghamel il-konvenut mal-gallinar, il-hamiem xorta wahda ser jara d-dawl.

Spjega li llum is-sistemi l-godda jghidu li ghandu jkollok loft tal-hamiem li wiehed jidhol jimxi fiha biex tkun tista` titnaddaf sew. Spjega li jkun hemm il-gradilja isfel biex jaqa` l-hmieg fiha. Ikun hemm ukoll mezz kif jiccirkola l-arja. Din is-sistema giet disinjata sabiex jigi evitat tbarqim tal-hamiem bil-lejl u sabiex tigi salvagwardjata s-sahha tal-hamiem.

Ikkonferma li t-tbarqim tal-hamiem jinstema` fil-videos ezebiti.

Huwa ghamel distinzjoni dwar meta ttiehdu dawn il-videos u fic-cirkostanzi li fihom ittiehdu.

Qal li meta l-attur gieli tela` bil-lejl, darba minnhom anke kanarini nstemghu jkantaw.

Sostna li l-*ambient noise* huwa ferm izjed accentwat mill-hsejjes li kienu qed jaghmlu l-hamiem.

Sostna li l-mod kif inhu mizmum il-hamiem, ossija b` mod li mhux ta` professjonist, jaffettwa s-sanita` tal-hamiem.

Spjega li r-riha bdiet tinxtamm minn dak it-tarag li mbaghad nizlu isfel minnu fejn kien qed jaghmel xogholijiet u dana b` referenza ghal tarag dejjaq.

Sostna li r-riha kienet tiela` minn hemm taht u mhux minn fejn il-hamiem.

Stqarr li ma jiftakarx li fil-bitha tal-konvenuti kien hemm riha qawwija ta` hmieg tal-annimali.

Spjega li l-fatt li l-hajt divizorju kien inalzat ma jaghmel l-ebda effett fuq il-hsejjes.

## VI. <u>Ir-relazzjoni teknika bhala prova ta` fatt</u>

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**<u>Calleja vs Mifsud</u>**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**<u>Grima vs Mamo et noe</u>**" – Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ( ara - "**<u>Cauchi vs Mercieca</u>**" – Qorti tal-

Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; **"Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Gunju 2007 u **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Dicembru 2008).

Din il-Qorti tirribadixxi li l-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja et vs Muscat et"** – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

**Din il-Qorti tirrileva bhala fatt illi wara li l-perit tekniku halef ir-rapport, il-konvenuti rrimettew ruhhom ghar-rapport peritali. Min-naha taghhom l-atturi ma talbux il-hatra ta` periti teknici addizzjonali.**

**VII. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti**
**1. Gurisprudenza**

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 1988 fil-kawza "**John Testa vs Anthony Bruno et noe**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"F`dan ir-rigward il-Qorti tosserva li hu principju rikonoxxut kemm-il darba fil-gurisprudenza lokali illi l-molestija ghandha tigi sopportata mill-vicin meta ma tkunx gravi u ma tkunx gravi jekk ma tecceddix il-limiti tat-tolleranza (Ara Appell Muscat vs Falzon 27-6-52 Kollez Dec Vol XXXVI.I.233 u gurisprudenza hemm citata). Dan il-principju japplika wkoll meta l-molestija tkun qieghda tigi arrekata fil-waqt li l-proprjetarju jkun qed jaghmel uzu mill-fond tieghu jew jaghmel fih modifikazzjonijiet li jidhirlu konvenjenti (Koll Dec Vol XXXIX.I.413, Bugeja vs Galea 27-6-55) "*

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Frar 2012 fil-kawza "**Alexander Grech et vs Mamma Mia Company Limited et**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :–

*"Illi minn naha l-ohra ghalkemm is-sid ghandu d-dmir li jnaqqas kemm jista` l-inkonvenjent lill-girien, dawn, min-naha taghhom, bhala parti mid-dmir tal-bwon vicinat, ghandhom jittollerew dawn l-emmissjonijiet fl-interess ta` sfruttament ahjar tal-proprjeta sakemm dawn l-emmissjonijiet*

*ikunu fil-limitu ta` dak li hu ragevolment tollerabbli. L-obbligazzjonijiet tal-"buon vicinato" ghalhekk essenzjalment huma li, waqt li s-sid ghandu l-ewwelnett inaqqas kemm jista` l-inkonvenjent li johloq lill-girien l-użu tal-proprjeta tieghu, il-girien ghandhom id-dmir li jittolleraw dak ir-residwu ta` inkonvenjent inevitabbli sakemm dan ikun normalment tollerabbli f`dik iż-żona partikolari. Din il-Qorti fil-kawża "Bugeja et. vs Washington et." (P.A. - 14 ta` Ottobru 1896), ghal dak li jirrigwarda r-regoli tal-buon vicinato kienet qalet :-*

*` ... non altrimenti che conciliando il principio dell`inviolabilita` della proprieta col riguardo dovuto alla liberta` ed allo sviluppo dell`industria si puo giungere alla retta soluzione della quistione involuta nel giudizio ;*

*poiche, come una sconfinata estensione del diritto di proprieta` potrebbe ridurre in limiti angusti e paralizzare l`industria, cosi un mal inteso favore verso questa ultima avrebbe talora l`effetto di restringere indebitamente i diritti del proprietario ;*

*... la legge riconosce nel proprietario il diritto di usare liberamente del suo fondo, e di farvi le modificazioni che credesse convenienti, quand`anche privasse il vicino di qualche vantaggio, purche non gli rechi una grave molestia. In suo enim alii hactenus facere licet quatenus nihil in alium immittat L. 8, § 5, D Si servitus vindicetur.*

*... quando la molestia prodotta dall`esercizio di uno stabilimento industriale non sia grave, non ecceda cioe quel limite di tolleranza che, dice il Consigliere Giorgi (Obbligazioni V, no 424), costituisce la vera misura degli obblighi del buon vicinato, essa dev`essere sofferta dal vicino il quale non ha diritto di farla cessare o di chiedere un indennizzo a causa del pregiudizio cagionatogli ; ma se l`incommodo recato non è facilmente tollerabile diventa ingiusto, e può il vicino esigere la cessazione ;*

*... per riconoscere se la molestia prodotta dal rumore, dal tremolio o dal fumo sia grave o no si deve avere riguardo non solo alla sua natura, ma ancora alla posizione e destinazione dei luoghi, se questi, esempli gratia, siano situati in città od in campagna, se nel centro o nei confini della città, e se vi si esercitino di consueto industrie simili a quelle di cui si lagnano gli attori, e devesi tenere anche, fino ad un certo punto, conto della preoccupazione, cioè dell`anteriorità del possesso (Demolombe e Giorgi loc. cit.).`*

*Illi dawn il-principji gew applikati aktar il-quddiem mill- Onorabbli Qorti ta` l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Pio Bezzina vs Giacomo Galea" deciża fis-27 ta` Gunju 1995, fejn gie sostnut li :-*

*`Skond id-dottrina, ghalkemm huwa pacifiku li l- proprjetarju ghandu d-dritt assolut li jgawdi u li jiddisponi kif irid mill-haga tieghu, iżda dan id-dritt ghandu jitqies limitat fis-sens li fl-eżercizzju tieghu ma ghandux jigi*

*pregudikat id-dritt ta` haddiehor. Ghalhekk kulhadd jista` jaghmel li jrid bil-haga tieghu sakemm ma jilledix id-dritt ta` haddiehor. Infatti, huwa principju generali li jolqot l-atti kollha tal-bniedem, u li ghandu jkun ghalih il-gwida kostanti fl-azzjonijiet tieghu kollha, illi hadd ma jista` bil-fatt tieghu jaghmel hsara lil haddiehor, u ghalhekk kulhadd jista` jiddisponi liberament mill-haga tieghu sakemm b`dak il-fatt ma joffendix id-dritt ta` haddiehor, billi "ove comincia l`altrui offesa, ivi si arresta il potere assoluto sulla propria cosa". (Cassazione, Napoli 9 marzo 1894, Giurisprudenza Italiana, XLVI, I, I, 1036).`*

*Illi tenut kont ta` dan kollu din il-Qorti thoss li llum huwa ormai principju stabbilit li d-dritt ta` proprjeta` ma huwiex wiehed assolut izda huwa limitat bid-dritt ta` proprjetarji ohra fl-ezercitazzjoni tad-drittijiet taghhom ("Filippa Vella et vs Anthony Cauchi" – P.A. (GCD) – 12 ta` Gunju 2003) u dan konformi mal-principji ta` bwon vicinat li jridu li s-sid ta` proprjeta` jittollera inkonvenjent, sakemm dan ma jkunx ghal zmien itwal minn kemm assolutament mehtieg u jkun proporzjonat, sabiex l-istess gar ikun b`hekk jista` jinqeda bil-proprjeta` tieghu u billi jizviluppa, bl-inqas disturb possibbli lill-istess ghalih. ("Francis Borg et vs S.M.W. Cortis Limited" – P.A. (GCD) – 18 ta` Ottubru 2005).*

*Illi dan hiereg mill-kuncett li dan kollu huwa naxxenti mill- dak li huwa tollerabbli fl-ezercizzju tad-drittijiet sewwa u ragonevoli tad-drittijiet ta` proprjeta` li jimplika ghalhekk li "un buon vicino tollera benche` rechino una certa turbativa alla proprieta`, perche` questa turbativa non gli sembra abbastanza grave per costituiere una usurpazione propriamente detta che meriti di essere respinta". Trattasi ta` attijiet li jistghu jipprokuraw certu vantagg lil minn jaghmilhom, minghajr ma jikkagunaw dannu apprezzabbli lil min jissubihom "quae sunt accipienti utilia, danti non molestia"; u dana kwindi, juri nuqqas ta` kortezija jekk jaghmel opposizzjoni ghalihom". ("Carmelo Farrugia vs Emmanuele Friggieri" – A.C. 4 ta` Mejju 1956).*

*Illi dawn l-atti naturalment jigu ezercitati minn min jaghmilhom minghajr l-intenzjoni li jagixxi bhala proprjetarju, u l-gar jissuplixxi l-istess dment li tali inkonvenjenzi ma jkunux gravi u jkunu tollerabbli u ma jikkawzawx hsara. Fil-fatt inghad li "dan huwa principju rikonnoxxut kemm il-darba fil-gurisprudenza lokali li l- molestja ghandha tigi sopportata mill-gar/girien meta din ma tkunx gravi u cjoe` meta din ma teccedix il-limiti tat-tolleranza (ara l-kawza fl-ismijiet John Testa v. Anthony Bruno et noe, deciza minn din il-Qorti diversament komposta fit-30 ta` Mejju, 1988). Il-Qorti ta` l-Appell diga` kellha l-okkazzjoni biex il-kawza fl-ismijiet Pio Bezzina v. Giacomo Galea deciza fis-27 ta` Gunju 1955 inter alia tirritjeni hekk dwar l-argument in kwistjoni :*

*`Jista` liberalment jinghad li l-gurisprudenza taghna hija, f`din il-materja, f`dan is-sens: jigifieri li d-dritt tal- proprjetarju li juza u jiddisponi mill-haga proprja ghandhu jigi kontemperat ma` dak tal-proprjetarji vicini`.*

*("Emanuel Mifsud et vs Victor Camilleri" (A.C. – 15 ta` Dicembru 2004).*

*Illi hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza "George Mifsud et vs Raymond Vella et" (P.A. (PS) – 16 ta` Gunju 2003) fejn inghad li :-*

*`Il diritto del proprietario modernamente concepito ha perduto quel carattere di astratta assulutezza che lo rappresentava, in antico, `usque ad inferios et usque ad sidera`. Il contenuto del diritto del proprietario del suolo con riguardo al sottosuolo e allo spazio sovrastanti si considera oggi strettamente connesso ad una valutazione concreta degli interessi alla rispettiva utilizzazzione e in special modo alla esclusione dell`attivita` dei terzi in quegli spazi` – "Commentario breve al Codice Civile – Cian u Trabucchi, Sesta Edizione, CEDAM, 2002).*

*Illi fil-fatt dan gie applikat ghall-kaz ta` zieda ta` pied tul ta` pipe servjenti lill-kcina b`ilma tal-mishun fl-ispazju ta` parti mill-fond tal-atturi li huwa certament differenti ghall-kaz odjern; l-istess principji gew applikati wkoll fil-kaz imsemmi ta` "Emanuel Mifsud et vs Victor Camilleri" deciz mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell ghall dhahen u gassijiet li kienu hergin minn kalkara tal-gir (stabbilimenti industrijali), fejn inghad li jekk tali molestja hijiex gravi jew le tiddependi dejjem mic-cirkostanzi kollha tal-kaz in ezami, li ovvjament ivarjaw minn wiehed ghall-iehor, b`dan li b`tollerabilita` ghanda tiftiehem tollerabilita` fizika, medja u komuni u l-impressjonabilita` ghandha tkun dik ta` persuna sana.*

*Illi dawn l-istess principji gew applikati ghall-kazi ta` hsejjes minn sala fejn jigu organnizzati attivatijiet varji ("Filippa Vella et vs Anthony Cauchi" – P. A. (GCD) – 12 ta` Gunju 2003) u hsejjes u vibrazzjonijiet u rwejjah fi stabbilimenti ndustrijali fil-kaz "George Mula et vs Joseph sive Joe Dougall nomine" (P.A. (AD) – 7 ta` Ottubru 2002).*

*Illi kif inghad fil-provediment fl-ismijiet "Paul Camilleri et vs Tal-Maghtab Construction Limited et" (P.A. (RCP) – 19 ta` Gunju 2007) l-iskop ta` dawn il-principji huwa sabiex l-ezercizzju tal-jedd ta` proprjeta` ma jilledix, ifixkel, jillimita jew jinibixxi l-ezercizzju ta` l-istess dritt ta` terz u dan ghaliex "I limiti posti nell`interesse private concernano la proprieta` immobiliare e regolano i rapporti tra la proprieta` immobiliare e regolano i rapporti tra le proprieta` vicine (rapporte di vicinato) … La disposizione sui limiti legali mirano appunto a comtemplare questi diritti reciproci, assicurandone la coesitenza e la possibilita` di esercizio, in sostanza disciplinano I diritti e i doveri di vicinato" ("Torrente – Manuele di Diritto Privato" – pagna 251) u b`hekk l-uzu ta` dritt ta` proprjeta` ghandu l-limitu tieghu meta dan jikkawza molestja gravi lill-gar ("Bugeja vs Washington" – A.C. 5 ta` Mejju 1897 ; "Giuseppe Caruana vs Antonio Zammit" – A.C. 21 ta` April 1961 – Vol. XLV. i. 159 ; "David Camilleri vs John Camilleri" – A.C. – 30 ta` Gunju 2000 u "Raymond Vella et vs Gorg Mifsud et" – P.A. (FS) – 27 ta` Gunju 2003). Dan l-ahhar kaz kien jittratta fost affarijiet ohra ghall-access ghall-bejt.*

*Illi ma` dan jizdied jinghad li ghalhekk huwa principju rikonoxxut konsistentement fil-gurisprudenza lokali li l- molestja ghandha tigi sopportata mill-gar/girien meta din ma tkunx gravi u cioe meta din ma teccedix il-limiti tat- tolleranza ("John Testa vs Anthony Bruno et noe" A.C. - 30 ta` Mejju 1988).*

*Illi in tema legali gie ritenut fil-gurisprudenza ormai kostanti illi :-*

*`La legge riconosce nel proprietario il diritto di usare liberamente il suo fondo e di farci le modificazioni che credesse convenienti, quindi anche privasse il vicino di qualche vantaggio, purche` non gli rechi grave molestia. Quando la molestia prodotta dall`esercizio di suo stabilimento industriale non sia grave, non ecceda cioe quel limite di tolleranza che costituisce la vera mizura degli obblighi di buon vicinato, essa deve essere sofferta dal vicino, il quale non ha diritto di farla cessare o di chiedere un indennizzo a causa del pregudizio cagionatoli, ma se l-incomodo recatogli non e` familmenti tollerabile, diventa ingiusto e puo` il vicino esigere la cessazione ...` (Vol. XV. 571).*

*`Per misurare la gravita` della molestia devesi riguardare non solamente alla natura, ma anche alla posizione e situazione dei fondi e alle anteriorita` del possesso.` (Vol. XV.38).*

*`Attesoche la molestia che il vicino puo` far cessare, deve essere grave, cioe non facilmente tollerabile ...` (Vol. XX.i.114).*

*`Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-drit tieghu izda dan l-uzu irid ikun fil-limiti gusti kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta` haddiehor li altrimenti jistghu jigu vvjolati b`dan l-uzu u dan ikun illeggittimu.` (Vol LXIX.iii.1228).*

*Illi l-istess inghad fis-sentenzi "Camilleri v Camilleri" (A.C. - 30 ta` Gunju 2000) ; "Joseph Tabone et vs Emanuel Bugeja et" (A.C. - 28 ta` April 1998) ; u "Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs Victor Camilleri" (A.C. - 15 ta` Dicembru 2004) kif gja imsemmi fost ohrajn.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Novembru 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Mario Tonna et vs Justin Gambin** (liema sentenza qeghda tistenna l-esitu tal-appell) inghad hekk :-

> *Illi preliminarjament issir riferenza ghad-decizjoni tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Gustu Debono vs. Emanuel Buhagiar datata l-21 t`Ottubru, 2002, li elenkat ir-regoli in materja b`dan il-mod:*

*"... l-artiklu 320 tal-Kodici Civili jiddisponi illi "il-proprjeta` hija l-jedd li wiehed igawdi u li jiddisponi minn hwejgu bil-mod l-aktar assolut..."*

*Dan id-dispost jissokta b`danakollu jzid il-frazi daqstant importanti: "... basta li bihom ma jaghmilx uzu ipprojbit mill-ligi"*

*Jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Padre Antonio Maria Buhagiar noe v. L-Onorevoli Reverendu Dr. Don Enrico Dandria noe**. Appell Civili, 16 t`Awwissu, 1923, Vol. XXV PI p. 617):*

*"Il-principio sancito all` articolo 14 Ord. VII del 1888", (korrispondenti ghall-artiklu 320 appena riferit)... "non è altro che la fusion dei due principi del Diritto Romano quello, cio`, che il proprietario è il `moderator et arbiter rei suae`, e l`altro che `expedit enim rei publicae ne quis sua re male utatur`".*

*Tali principju hu rifless ukoll f`dak li jiddisponu l-artikli 1030, 1031 u 1032 tal-Kap 16 kif elokwentement jelabora t-trattist Ricci (Diritto Civile Vol. 2 Titolo II, Cap 1 para. 56 pp. 98 – 99):*

*"La proprieta`, infatti, che consiste nel tuo e nel mio svanirebbe ove il mio ed il tuo non potessero co-esistere; ma perche` vi sia il mio e il tuo e` necessario che il mio non menomi il diritto altrui ed il limite imposto alla libera disponibilita`, allorche` un diritto si trova a fronte di altro diritto, derivano dal concetto stesso della proprieta`...";*

*Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Emanuel u Lucy konjugi Mifsud vs. Victor Camilleri** datata l-15 ta` Dicembru, 2004; li irriteniet is-segwenti:*

*"M`hemmx dubju li l-proprjetarju ta`fond ghandu kull dritt li jaghmel uzu shih u kif jidhirlu, mill-fond tieghu. Mandankollu, dan l-uzu ghandu jsir bil-qies u gustament u cioe`, b`mod li ma jigix mahluq pregudizzju serju lid-dritt/drittijiet ta` haddiehor. Infatti, l-artiklu 1030 tal-Kodici Civili,*

*(Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta), jghid hekk: "Kull min jaghmel uzu tal-jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b`dan l-uzu".*

*Ghandu jinghad ukoll li huwa principju rikonoxxut kemm- il darba fil-gurisprudenza lokali li l-molestja ghandha tigi sapportata mill-gar/girien meta din ma tkunx gravi u cioe` meta din ma teccedix il-limiti tat-tolleranza, (ara l-kawza fl-ismijiet **John Testa vs. Anthony Bruno et noe.** deciza minn din il-qorti diversament komposta fit-30 ta` Mejju, 1988)…."*

…

*Illi finalment issir riferenza ghall-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **John u Mary Louise konjugi Bajada vs. Mario u Cynthia konjugi Camilleri** datata l-25 t`Ottubru, 2013, li affermat is-segwenti:*

*"Per misurare la gravita` della molestia devesi riguardare non solamente alla natura, ma anche` alla posizione e sitwazioni dei fondi e alle anteriorita` del possesso". Illi "jekk imbaghad il-molestja tkun derivanti minn allegat abbuz ta` bon vicinat, il-vicin jista` jagixxi fuq moestja biss meta din tkun gravi u mhux facilment tollerabbli".*

## 2. Risultanzi

### a) Konflitt ta` provi

**Il-Qorti osservat konflitt car fil-verzjonijiet li taw il-partijiet dwar is-sostanza tal-vertenza.**

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et vs Gauci et** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**<u>Camilleri vs Borg</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 17 ta` Marzu 2003 "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" – **<u>Appell Kummercjali</u>** – 25 ta` Frar 1952 ; "**<u>Vassallo vs Pace</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**<u>Chef Choice Limited vs Raymond Galea et</u>**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

*Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

…

*Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn*

*anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

**b) <u>L-ilment tal-atturi dwar allegat hmieg tal-hamiem tal-konvenut</u>**

Dan premess, din il-Qorti tosserva illi fil-kawza tal-lum, il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni illi mhijiex sostenibbli l-allegazzjoni tal-atturi li l-hamiem tal-konvenut qed <u>ihammeg</u> il-bejt u n-naxra tal-atturi u li qed <u>jikkontamina</u> l-ilma ta` t-tankijiet li l-atturi ghandhom fuq il-bejt ghaliex irrizulta li l-konvenut mhuwiex qed ihalli l-hamiem johrog mill-gallinar jew mil-*loft* taghhom.

Tqis li bil-*wire* u l-plastic li ghamel l-attur fuq il-bejt tieghu, zdiedet il-possibilita` li l-hamiem (hu ta` min hu) jahbat mieghu u jwegga`.

Fuq bilanc ta` probabilitajiet, tifhem li minhabba l-*wire* il-konvenut waqaf milli jhalli l-hamiem tieghu johrog mil-*loft.*

Irrizulta (kif osserva anke l-perit tekniku) li fl-inhawi ta` fejn hemm il-postijiet tal-partijiet, hemm terzi li ghandhom ukoll gallinari u *lofts* ghall-hamiem.

Anke waqt l-access kien notat hamiem (<u>li mhuwiex tal-konvenut</u>) jittajjar fl-gholi.

Il-perit tekniku ma setax ikun cert jekk il-hmieg tal-hamiem li sabu l-atturi kienx tal-hamiem tal-konvenut.

**Il-Qorti ma tista` tqis bhala ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi (*supra*) dan l-ilment tal-atturi.**

**c) <u>L-ilment tal-atturi dwar allegati hsejjes tal-hamiem tal-konvenut</u>**

Dwar dan l-ilment, il-perit tekniku sab illi ma kienx hemm aggravju serju gej mit-tbarqim tal-hamiem tal-konvenut, peress li kien hemm *ambient noise* gholi gej mit-traffiku ghaddej mit-triq.

Ikkostata li fil-post tal-attur kien hemm *air conditioner* li anke dan jaghmel il-hoss.

Il-perit tekniku osserva li minkejja l-hsejjes l-attrici xorta wahda tidher rieqda (re video).

**L-accertamenti tal-perit tekniku jikkostitwixxu <u>prova ta` fatt</u>, daqs kull fatt iehor li jkun ippruvat, ghalkemm tishaq li l-verzjonijiet tal-partijiet kienu konfliggenti.**

**Dan premess, din il-Qorti tghid illi wara li qieset l-assjem ta` fatti li rrizultaw fil-kors ta` din il-kawza qeghda tesprimi ruhha fis-sens illi l-hsejjes li jaghmel il-hamiem tal-konvenut ma jiskonfinawx f`molestja ghad-dannu tal-atturi.**

**L-atturi ma ressqux provi sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi li l-hamiem tal-konvenut jaghmel hoss mhux tollerabbli jew mhux ragonevoli meta tqis l-ambjent tal-inhawi fejn qed jinzamm il-hamiem.**

**d) <u>L-ilment tal-atturi dwar allegati rwejjah tal-hamiem tal-konvenut</u>**

**Il-perit tekniku jikkonkludi li ma setax jistabilixxi li kien ippruvat li kien hemm irwejjah provenjenti specifikament mill-hamiem tal-konvenut.**

Meta l-Qorti marret fuq il-post, tikkonferma li anke hi xammet riha.

Tistqarr li xejn persistenti li joltrepassa t-tolleranza !

Izda dejjem riha !

Skont il-perit tekniku, ir-riha giet mill-fond tal-atturi, mentri ma nxtammet l-ebda riha ta` hmieg tal-hamiem qrib il-gallinari tal-konvenut.

Accertata r-riha, il-Qorti sejra toqghod fuq il-fehma tal-perit tekniku.

Tghid dan anke ghaliex l-ilment ewlieni tal-atturi ma kenitx ir-riha izda kienu l-allegat hmieg u l-hsejjes. Dwar dan m`ghandux ikun l-icken dubju kif jirrizulta ampjament mill-atti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet qeghda tichad it-talbiet kollha tal-atturi. Tordna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**